Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B** **REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2104/2004**

tad-9 ta' Diċembru 2004

li jwassal għall-klawsoli ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 639/2004 tal-Kunsill li għandu x'jaqsam ma' l-immaniġġjar tal-flotot tas-sajd reġistrati lir-reġjuni ultraperiferali

(ĠU L 183M, 5.7.2006, p. 356)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1570/2005 tas-27 ta' Settembru 2005	L 327M	459	5.12.2008
►**M2**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1274/2007 tad-29 ta' Ottubru 2007	L 284	6	30.10.2007

Ikkoreġut minn:

►**C1** Emendi, Ġ.U. L 71M, 17.3.2009, p. 288 (1570/2005)

▼B

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2104/2004

tad-9 ta' Diċembru 2004

li jwassal għall-klawsoli ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 639/2004 tal-Kunsill li għandu x'jaqsam ma' l-immaniġġjar tal-flotot tas-sajd reġistrati lir-reġjuni ultraperiferali

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill Nru 2371/2002 ta' l-20 ta' Diċembru 2002 li għandu x'jaqsam mal-konservazzjoni u l-esplojtazzjoni sostenibbli tar-riżorsi tal-qasam tas-sajd fl-ambitu tal-politika komuni tas-sajd ([1]), u notevolment l-Artikolu 11(5), tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 639/2004 tat-30 ta' Marzu 2004 li għandu x'jaqsam ma' l-immaniġġjar tal-flotot tas-sajd reġistrati fir-reġjuni ultraperiferali ([2]), u notevolment Artikolu 1(2) tiegħu, il-Artikolu 4(3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 639/2004 jistabbilixxi, għall-immaniġġjar tal-flotot tas-sajd tar-reġjuni ultraperiferiċi, derogi li t-tul ta' żmien tagħhom huwa limitat sa' l-31 ta' Diċembru 2006. Dawn id-derogi jikkonċernaw is-sistema ta' dħul fil-flotta tas-sajd u ta' ħruġ mill-flotta tas-sajd, indikati fir-Regolament (KE) Nru 2371/2002 tal-Kunsill ta' l-20 ta' Diċembru 2002 li għandu x'jaqsam mal-konservazzjoni u l-esplojtazzjoni sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd fl-ambitu tal-politika komuni tas-sajd, kif ukoll l-għajnuniet għar-rinnovazzjoni u l-immodernar tal-flotta indikati fir-Regolament (KE) Nru 2792/1999 tal-Kunsill ([3]).

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 639/2004 jistabbilixxi li l-livelli ta' referenzi speċifiċi għal kull segment ta' flotta fir-reġjuni ultraperiferali għal Franza u l-Portugall huma l-objettivi fl-aħħar ta' l-2002 tal-programmi ta' gwida mifruxa fuq bosta snin IV ("MAGP").

(3) Għall-Gżejjer Kanari l-iffissar tal-livelli speċifiċi ta' referenza għandhom isegwu avviċinament konformi ma' dak li kien segwit għall-iffissar ta' l-objettivi fl-ambitu tal-MAGP IV, filwaqt li jkunu kunsidrati l-limiti tal-possibbiltajiet ta' sajd għad-dispożizzjoni tal-flotot konċernati. Għal dan l-effet il-kumitat xjentifiku, tekniku u ekonomiku tas-sajd (STECF) ta' l-opinjoni tiegħu fir-rapport tas-sezzjoni ta' Marzu/April 2004 dwar il-possibbiltajiet ta' sajd tal-flotot reġistrati fil-Gżejjer Kanari. Barra minn hekk, eżaminazzjoni tal-possibbiltajiet ta' sajd tal-flotot reġistrati fil-Gżejjer Kanari u attivitajiet fl-ambitu ta' l-akkordji bilaterali u multilaterali kienet ukoll magħmula minn Spanja u l-Kummissjoni. Skond il-Kummissjoni, ebda wieħed minn dawn l-eżaminazzjonijiet u rapporti ma ppermetta bħala konklużjoni l-possibbiltà ta' espansjoni tal-flotot attwalment irreġistrati fil-Gżejjer Kanari.

(4) L-Istati Membri għandhom jikkunsidraw l-evoluzzjoni tal-flotot reġistrati r-reġjuni ultraperiferali fir-rapport annwali indikat fir-Regolament (KE) Nru 1438/2003 tal-Kummissjoni tat-12 ta' Awissu 2003 li jistabbilixxi l-klawsoli ta' applikazzjoni tal-poli-

([1]) ĠU L 358 tat-31.12.2002, p. 59.
([2]) ĠU L 102, 7.4.2004, p.9.
([3]) ĠU L 337 ta' l- 31.12.1999, p.10. Regolament emendat finalment mir-Regolament (KE) Nru 1421/2004 (ĠU L 260 tas-6.8.2004, p.1).

▼B

tika komunitarja fil-qasam tal-flotta definita fil-Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002 ([1]) tal-Kunsill

(5) Il-Kummissjoni kkunsidrat id-dikjarazzjoni addizzjonali tal-Kunsill tat-30 ta' Marzu 2004 ([2]) li għandha x'taqsam mad-dispozizzjonijiet ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 639/2004, u notevolment fejn għandha x'taqsam is-segmentazzjoni l-aktar adatta skond it-tip ta' sajd, l-opinjonijiet xjentifiċi dwar il-qagħda tar-riservi indikati u t-trattament ġust tal-flotot li joperaw fuq l-istess riservi.

(6) Dan ir-Regolament għandu japplika mid-data ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 639/2004.

(7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-kumitat tas-sajd u ta' l-akwakultura.

IDDEĊIDIET DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Livelli ta' referenzi speċifiċi

Il-livell tar-referenzi speċifiċi għall-flotot reġistrati fir-reġjuni ultraperiferali ta' Franza, tal-Portugal u ta' Spanja huma ffissati fl-Anness skond is-segment ta' flotta.

Dawn il-livelli speċifiċi ta' referenza huma l-livelli massimi ta' kapaċità, f'termini ta'GT u kW, li l-Istati Membri huma awtorizzati li jaċċettaw permezz ta' ammissjonijiet fil-flotta bid-deroga tad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002.

Artikolu 2

Kontroll tal-livelli speċifiċi ta' referenza

Għal kull segment indikat fl-ewwel Artikolu, il-livell ta' referenza f'tunnellaġġ u f' kapaċità għal kull data wara l-31 ta' Diċembru 2002 hi l-istess għall-livell ta' referenza kif inhu ffissat fl-Anness għal dan is-segment imnaqqas, rispettivament, tat-tunnellaġġ u tal-kapaċità tal-bastimenti ta' l-imsemmi segment li ħallew il-flotta wara l-31 ta' Diċembru 2002 minħabba għajnuna pubblika.

Artikolu 3

Konsolidazzjoni ta' livelli ta' referenza

Fl-31 ta' Diċembru 2006, il-Kummissjoni tikkalkula għal kull Stat Membru it-total ta' kapaċitajiet f'GT u f'kW tal-flotot reġistrati fir-reġjuni ultraperiferali, u tad-dħul f'dawn il-flotot deċiż skond id-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 639/2004 li ma kinux reġistrati sa dik id-data.

Dan it-total hu miżjud mal-livelli ta' referenza tal-flotta metropolitana. Ir-riżultat li jkun akkwistat b'dan il-mod jistabbilixxi mill-1 ta' Jannar 2007 il-livelli ta' referenza tal-flotta ta' l-Istat Membru.

([1]) ĠU L 204, 13.8.2003, p. 21. Regolament emendat finalment mir-Regolament (KE) Nru 916/2004 (ĠU L 163, 30.4.2004, p.81).

([2]) Id-Dokument tal-Kunsill Nru 7520/04 ADD1 tad-19 ta' Marzu 2004.

▼B

Artikolu 4

Kontribuzzjoni għar-rapporti annwali

Fir-rapport annwali previst mill-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 1438/2003, l-Istati Membri konċernati jikkunsidraw l-evoluzzjoni tal-flotot reġistrati fir-reġjuni ultraperiferali.

L-informazzjonijiet li jikkonċernaw is-sena 2003 huma inklużi fir-rapporat annwali għall-2004.

Artikolu 5

Dħul fis-seħħ

Din ir-Regolament jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Hu applikabbli mill-1 ta' Jannar 2003

Dan ir-Reġolament hu obbligatorju fl-intiera tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼M2

ANNESS

Livelli ta' referenza speċifiċi għal flotot tas-sajd reġistrati fir-reġjuni l-aktar periferiċi ta' Spanja, Franza u l-Portugall

Spanja			
Taqsima tal-flotta	Kodiċi tat-taqsima	GT	kW
Gżejjer Kanari Tul < 12 m ilmijiet ta' l-UE	CA1	2 878	23 202
Gżejjer Kanari Tul ≥ 12 m ilmijiet ta' l-UE	CA2	4 779	16 055
Gżejjer Kanari Tul ≥ 12 m. Ilmijiet internazzjonali u ta' pajjiżi terzi	CA3	51 167	90 680
Total		58 824	129 937

Franza			
Taqsima tal-flotta	Kodiċi tat-taqsima	GT	kW
Réunion Speċijiet demersali u pelaġiċi. Tul < 12 m	4FC	1 050	19 320
Réunion Speċijiet pelaġiċi. Tul ≥ 12 m	4FD	10 002	31 465
Il-Gujana Franċiża. Speċijiet demersali u pelaġiċi. Tul < 12 m	4FF	475	6 260
Il-Gujana Franċiża. Bastimenti għas-sajd talgambli.	4FG	7 560	19 726
Il-Gujana Franċiża. Speċijiet pelaġiċi. Bastimenti li jistadu 'l barra mill-kosta.	4FH	3 500	5 000
Martinique. Speċijiet demersali u pelaġiċi. Tul < 12 m	4FJ	5 409	142 116
Martinique. Speċijiet pelaġiċi. Tul ≥ 12 m	4FK	1 000	3 000
Guadeloupe. Speċijiet demersali u pelaġiċi. Tul < 12 m	4FL	6 188	167 765
Guadeloupe. Speċijiet pelaġiċi. Tul ≥ 12 m	4FM	500	1 750
Total		35 684	396 402

Il-Portugall			
Taqsima tal-flotta	Kodiċi tat-taqsima	GT	kW
Madeira. Speċijiet demersali. Tul < 12 m	4K6	680	4 574
Madeira. Speċijiet demersali u pelaġiċi. Tul ≥ 12 m	4K7	5 354	17 414
Madeira. Speċijiet pelaġiċi. Tartarun. Tul ≥ 12 m	4K8	253	1 170
Azores. Speċijiet demersali. Tul < 12 m	4K9	2 721	30 910
Azores. Speċijiet demersali u pelaġiċi. Tul ≥ 12 m	4KA	14 246	29 845
Total		23 254	83 913